Anness 1

- Nifhmu li tali żvilupp, ser jħalli mpatt fuq l-infrastruttura tat-toroq tal-viċinanzi u allura, l-iżviluppaturi u/jew il-gvern jrid jgħamel tajjeb sabiex jsiru mill-ġdid tal-viċinanzi inkluż: Triq il-Farinal, Triq il-Parjan, Triq il-Bonnijiet, Triq ir-Rebbiegħa, Triq is-Sajf, Triq ix-Xitwa u Triq il-Bergamott. Dawn għandhom jsiru bil-bini ta' culverts ġodda sabiex b'hekk inkunu qed nsolvu l-problema preżenti ta' kif jinġabar l-ilma tax-xita. Barra minn hekk, sabiex titaffa l-ħsara, l-ewwel fażi ta' dan l-proġett għandu jkun li jigu iffurmati t-toroq l-ġodda.
- Qabel jiġi approvat kull tip ta' żvilupp, għandu jsir Traffic Impact Assessment kif ukoll jiġi ppreżentat studju ta' Traffic Control.
- Il-parking għandu jkun obbligu u mhux kkunsidrat taħt kull binja inkluż that l-open space.
- Peress li din iż-żona tinsab biswit l-Mosta Techno park, jkun tajjeb li jsir sound barrier sabiex ir-residenzi l-ġodda ma jkollomx l-inkonvenjenza li jgħaddu minnha r-residenti preżenti li jinsabu iktar l-bogħod minn fejn ġejjin ir-residenzi l-ġodda. Evidenti huma l-ħsejjes fost l-oħrajn tal-units tal-airconditioners.
- Dawk ir-residenti li għandhom pannelli solari fuq l-bjut tagħhom, u li issa ser jiġu imcaħħda mid-dawl tax-xemx minħabba bini fil-madwar għandhom jkunu kkumpensati.
- Huwa essenzjali li kemm Triq is-Sajf kif ukoll Triq ix-Xitwa jiġu jinfdu ma' Triq ir-Rebbiegħa.
- Għandu jiġi mħares l-buffer zone eżistenti li għandhu jkun hemm bejn żona residenzjali u żona industrijali.
- L-għoli tal-bini għandu jkun żgur li ma jaqbiż dak li hemm fiż-żona.

Oħrajn:

Problema ta' ċnus tul iż-żmien

Spazju għall-carpark

Time frame

Residential parking